MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 10/2011

**Avviz Numru: 025/11**

**Mandy Delia (3656A)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta' Frar 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru:-***

*Deher M' Grace Xerri u S Meilaq ghad-Direttur.*

*Meta ssejjah l-appell, dehret l-appellanti. Deher ukoll ir-rapprezentant tad-Dipartiment.*

*Deher J Balzan, Spettur fid-Dipartiment tal-Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjoni li pprezenta r-rapport u li gie spjegat lill-appellanti. L-appellanti stqarret li xtaqet li jkollha traduzzjoni tieghu bl-Ingliz.*

*L-appellant wara li gie lilha spjegat il-kontenut tar-rapport ammettiet li l-hwejjeg li kien hemm fil-gwardarobba kienu fil-fatt taghha, u li hija kienet tirresjedi hemmsa mill-Milied. Hija qablet li f'dan il-perjodu ma nfurmatx lid-Dipartiment bi bdil ta' residenza.*

*L-appellanti ikkonfermat illi minn Marzu 2009, hija marret tghix ma binha John f'35, Triq San Guzepp, Paola.*

*Peress li jidher anke mill-ammissjoni tal-appellanti jidher li hija kienet ilha ma tirrisjedi fl-indirizz moghti jew fil-garaxx adjacenti sa minn Marzu 2009, id-decizjoni tad-Dipartiment kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mandy Delia datat 17 ta' Marzu 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 6 ta' Ottubru 2011 a fol. 6 tal-process fejn issottometta ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghad-Direttur appellat u rapprezentant tal-istess u l-appellanta Mandy Delia assistitta minn Dr. Joseph Ellis. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess appell inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa li fis-sens li ma kienitx gustifikata d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali li jnehhilha l-Allowance Supplementari li hija kienet tibbenifika minnha, ghaliex hija biddlet ir-residenza taghha biss ghaliex giet sforzata taghmel dan, peress li minhabba dizgwid ma' uliedha hija spiccat bla post fejn toqghod b'dan li bejn il-5 ta' Dicembru 2009 u t-2 ta' Marzu 2010 hija spiccat tghix temporanjament mal-ex konjugi taghha, bla qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni, izda xorta wahda hija baqghet tifforma familja ghal rasha, ghaliex kienet hija li pprovdiet ghall-ghejxien taghha u allura ma ghandhiex titlef id-dritt li tibqa' tircievi l-beneficcji li kienet tircievi.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-appellanti kienet legalment separata minn zewgha permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Gunju 1998 u kienet beneficarja tal-Allowance Supplementari sat-2 t'April 2010 wara applikazzjoni li saret minnha u fejn kienet indikat li toqghod ma' binha fil-fond 12, Casa Delia, Triq Marija Addolorata, Paola.

Illi izda fis-2 ta' Marzu 2010 giet informata li ma kienitx intitolata izjed ghall-istess *allowance* ghaliex id-Direttur tas-Servizzi Socjali ma kienx sodisfatt li hija kienet qed tifforma familja ghal rasha. Fit-8 ta' Marzu 2010 kienet giet infomata sabiex tirrifondi l-ammont ta' €157.17 li kienet irceviet bhala Allowance Supplimentari ghal perjodu bejn l-4 ta' Lulju 2009 u 2 ta' April 2009.

Illi hija appellat minn din id-decizjoni u jidher li l-Arbitru qaghad fuq ir-rapport ta' J. Balzan Spettur fid-Dipartiment

tal-Frodi ta' Bennificji u l-Arbitru sostna li l-appellanti kienet ammettiet li biddlet ir-residenza taghha u ghalhekk id-Direttur kien gustifikat fid-decizjoni tieghu ghaliex l-appellanti bidlet ir-residenza taghha minghajr ma informat lid-Dipartiment.

Illi jinghad li mir-rapport jidher li l-appellanti sostniet li hija kienet ghamlet zmien tghix f'Farmhouse, Vjal Santa Lucija, Paola, u dan ghaliex il-fond fejn kienet toqghod 12, Casa Delia, 12, Triq Marija Addolorata, Paola, ma baqax taghha ghaliex kien saru proceduri fuqu mill-Bank u llum huwa ta' cert Brady Scerri.

Illi ghalhekk kellha tmur toqghod f'parti mill-istess fond li kien garaxx bin-numru 11, Casa Delia, Triq Marija Addolorata, Paola, u wara marret tghix ma binha 75, Triq San Guzepp, Paola, izda kien inqala' xi disgwid bejniethom u kellha tmur toqghod appuntu fil-fond Farmhouse, Vjal Santa Lucija, Paola.

Illi mir-rapport jidher li car li ghalkemm hija marret tghix f'dak il-fond *per forza magguri*, jew inkella ghaliex ma kellhiex post iehor fejn toqghod, inghad ukoll li *"l-ispettorat huwa tal-fehma wkoll li ghad li hija u s-Sur Martin Delia qeghdin jghixu taht saqaf wiehed, huma qeghdin jaghmlu hekk b'mod separat. Jirrizulta wkoll li l-ghada ta' l-ispezzjoni s-Sinjura Mandy Delia marret tavza lid-Divizjoni tas-Sigurta' Socjali li qegghda tabita f'*A *Farmhouse, Vjal Santa Lucija, Paola".*

Illi mela jirrizulta li effettivament l-appellanti naqset milli tinforma lid-Dipartiment bi bdil tal-indirizz taghha, u dan huwa kontra dak li jiddisponi l-**artikolu 97 (b) tal-Kap. 318** u l-kontra l-kondizzjoni mposta fl-applikazzjoni taghha ghal tali beneficcju li hija kellha tavza lid-Dipartiment b'kull bdil ta' cirkostanzi, u allura dan jinkludi l-post fejn toqghod.

Illi ma hemmx dubju li tali regoli huma imperattivi u ghandhom jigu osservati sabiex l-istess beneficcarji jibqghu intitolati li jircievu l-beneficcji li huma intitolati ghalih, u l-osservanza tal-istess hija mehtiega fil-kazijiet kollha, u ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur, la darba

teknikament l-appellanti kienet naqset li tinforma b’dan l-izvilupp lid-Dipartiment, kienet gustifikata. Izda f’dan il-kaz il-Qorti tinnota li d-decizjonijiet tad-Direttur kienu bbazati fuq il-premessa li d-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha.

Illi izda jinghad li meta sar l-appell quddiem l-Arbitru l-appellanti kienet mhux biss irregolat il-posizzjoni taghha b’dan li informat lid-Direttur bi bdil tar-residenza taghha, kif jidher mill-istess rapport, izda jirrizulta wkoll li effettivament hija baqghet tifforma familja ghal rasha, ghaliex ma kienitx qed tigi mantnuta min hadd u ma kellhix il-mezzi sabiex tmantni lilha nfisha. Fil-fatt ir-rapport stess li kien hemm quddiem l-arbitru, jikkonferma t-tezi tal-appellanti, li kienet sabhet f’diffikultajiet mhux zghar, u allura l-Artbitru kellhu bl-applikazzjoni tal-principji ta’ gustizzja u ekwita’, li bihom huwa marbut li jimxi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 108 (9) tal-Kap. 318,** jiddeciedi li l-appellanti ma tkomplix tigi penallizata bit-telf ta’dik l-ghajnuna u/jew bir-refuzzjoni tal-beneficcji li hija kienet irceviet, u dan peress li huwa kellhu l-kwadru komplet quddiemu. Ghandhu jkun hemm bilanc bejn il-kolloborazzjoni rikjesta mill-ligi li tista’ twassal lill min ma josservahiex ghall-dannu u bejn il-fatt li minn jiggudika ghandhu jaghmel dan b’ekwita’ u gustizzja, u *“m’ghandhux jadotta r-rigur tas-summum jus u l-inflessibilita’ ta’ disposizzjoni partikolari tal-ligi fejn ic-cirkostanzi prezenti lilu jkunu, entro l-ligi, jissugerixxi l-adozzjoni ta’ soluzzjoni diversa u anqas rigida”* **(“Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** – A.I.C. (PS) – 5 ta’ Marzu 2010).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li l-Arbitru f’dan il-kaz adotta posizzjoni rigida meta ha in konsiderazzjoni biss il-fatt li l-appellant bidlet il-post tar-residenza taghha minghajr ma informat tempestivament lid-Dipartiment, izda meta l-kaz gie quddiemu, gew spjegati d-dettalji kollha tal-kaz, inkluz li l-appellanti kienet irregolarizzat ruhha mad-Dipartiment u wkoll li hija dejjem baqghet tifforma familja ghal rasha, u bhala tali kienet u ghada bi dritt li tircievi tali beneficcju. L-Arbitru ghalhekk ezami biss aspett wiehed tal-kaz, u mhux il-kwadru kollhu

u certament li dan ghamlu kontra l-principji legali, u fuq kollox dak ta' gustizzja u ekwita'. Mhux hekk biss izda f'dan il-kaz lanqas qatt ma kien hemm il-prova li l-appellanti ma kienitx tifforma familja ghal rasha, li kienet l-unika raguni ghaliex tali hlas ta' allowance supplimentari kien imwaqqaf lilha (tant li d-Direttur fir-risposta tieghu ghall-appell quddiem l-arbitru datata 26 ta' Jannar 2011 kien talab korrezzjoni proprju fid-decizjonijiet tieghu tat-2 u 8 ta' Marzu 2011, izda l-Arbitru lanqas biss induna b'dan.

Illi ghalhekk in vista ta' dan din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru datata 16 ta' Frar 2011, u konsegwentement id-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datati 2 u 8 ta' Marzu 2010 fis-sens ghalhekk li l-appellant ghandha tibqa' tircievi l-Allowance Supplementari li hija kienet qed tircievi u ma ghandha tirrifondi lura l-ebda ammont li hija ircievet bhala beneficcju nkluz dak relattiv ghall-perjodu bejn l-4 ta' Lulju 2009 sat- 2 ta' April 2010.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellat id-Direttur Generali (Sigurta' Socjali) datata 6 ta' Ottubru 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Mandy Delia fir-rikors tal-appell taghha datat 17 ta' Marzu 2011 b'dan li qed tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet "Mandy Delia vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" datata 16 ta' Frar 2011 (Nru. Tal-File tal-Arbitru 325/10 – Nru. Tal-File DSS 500/10) ghall- finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li konsegwentement din il-Qorti qed tirrevoka** d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datati 2 u 8 ta' Marzu 2010 b'dan ghalhekk li l-appellanti ghandha tibqa' tircievi l-Allowance Supplementari li hija kienet qed tircievi u ma ghandha tirrifondi lura l-ebda ammont li hija rceviet bhala beneficcju, nkluz dak relattiv ghall-perjodu bejn l-4 ta' Lulju 2009 sat- 2 ta' April 2010.

Illi stante n-natura tal-kaz l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------